MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 955/1997/1

Louis Gatt
vs
Chairman Bank of Valletta Limited ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Gunju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghal habta ta' Awissu 1993, ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni mill-grad ta' Clerk II ghall-grad ta' Supervisor I, liema promozzjoni kienet dovuta lilu, u dana b' mod l-aktar ingust.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi r-rikorrent kien gie impjegat mal-Bank of Valletta Limited fis-16 ta' Frar 1984 u dana bhala Clerk I u kien lahaq Clerk II fis-16 ta' Frar 1988.

Illi r-rikorrent dejjem kien qeda dmirijietu bl-akbar reqqa minn dak iz-zmien sal-lum, kif jixhdu bl-aktar mod car ir-rapporti li sarulu dwar il-hidma tieghu ta’ kull sena.

Illi b’effett mill-1 ta’ Ottubru 1993 u b’mod aktar preciz bic-cirkolari li gabet ir-riferenza:- Personnel 56/93 datata 22 ta’ Settembru 1993, kienu nhatru diversi persuni mill-grad ta’ Clerk II ghall-grad ta’ Supervisor I.

Illi fost dawk li nghataw din il-promozzjoni, a skapitu tar-rikorrent, kien hemm numru sostanzjali ta’ persuni illi:- kienu anqas kwalifikati mir-rikorrent, kellhom anqas esperjenza fil-grad ta’ Clerk II u kellhom ukoll anqas seniority fil-Bank minnu, peress li dahlu jahdmu l-Bank warajh.

Illi r-rikorrent kien gie b’hekk diskriminat minghajr ebda bazi u dana anke esplicitament kontra l-kriterji specifikati fil-Ftehim Kollettiv dak iz-zmien vigenti; u l-kaz tieghu kien gie anke mqajjem mill-union tieghu, il-GWU mal-Management tal-Bank of Valletta Limited.

Illi ghaldaqstant, ir-rikorrent emmen li kien gie mcahhad minn dik il-promozzjoni lilu dovuta ghall-ebda raguni valida u b’mod l-aktar ingust u diskriminatorju, u li minhabba f’hekk bata danni finanzjarji konsiderevoli, u ghalkemm illum lahaq dan il-grad, il-possibilitajiet li hu javvanza fil-karriera tieghu baqghu jigu mizmuma lura ingustament u b’ mod l-aktar diskriminatorju u abbuziv.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebu jgib bi prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi (i) Jigi ddikjarat illi r-rikorrent sofra ingustizzja meta huwa b’mod l-aktar ingust gie mcahhad mill-promozzjoni dovuta lilu; (ii) Jigi ordnat li huwa jinghata l-

promozzjoni lilu misthoqqa bid-data b'lura sa minn Settembru 1993, bhal ma nghata haddiehor bil-beneficcji kollha b'lura li tali promozzjoni kienet iggor maghha u minghajr ma jigi mtellef kwalunkwe dritt spettanti lilu fir-rigward ta' promozzjonijiet u beneficcji ohra u (iii) Jigi ordnat li jinghata kumpens ta' hamest elef lira Maltin (Lm5000) ghall-ingustizzja hekk sofferta.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman, Bank of Valletta p.l.c. gja Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi primarjament gie sottomess illi mhux minnu illi l-Bank of Valletta p.l.c. agixxa b'mod ingust fil-konfront tar-rikorrent u kwalunkwe azzjonijiet li setghu gew mehuda dejjem gew ezercitati skond l-esigenzi tal-mument u a bazi tal-Ftehim Kollettiv vigenti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu illi b'effett mill-1 ta' Ottubru 1993, permezz ta' cirkolari tal-Personnel Nru 56/93, ir-rikorrenti ma kienx gie promoss sabiex gew agevolati xi persuni li ma kienux jissodisfaw ir-rekwiziti ghall-promozzjoni u ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jsostni l-allegazzjoni minnu migjuba.

Illi ghaldaqstant gie sottomess illi dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jichad it-talbiet rikorrenti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif gie pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors u jilqa' s-sottomissjonijiet tal-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Gie prezentat affidavit tar-rikorrent fejn fih intqal li kien gie impjegat mal-Bank of Valletta p.l.c. fil-grad ta' Clerk I fis-16 ta' Frar 1984 u fis-16 ta' Frar 1988 kien gie awtomatikament promoss ghall-grad ta' Clerk II, erba' snin fil-grad ta' Clerk I, ai termini tal-Ftehim Kollettiv. Qal li mill-bidu ta' l-impjieg tieghu sal-gurnata ta' llum, hu dejjem qeda d-dmirijiet bl-akbar reqqa u dan jirrizulta b'mod car mir-rapporti li sarulu ta' kull sena, u li kien l-istess Bank li ghamilhom. Semma li l-Bank kien hareg promozzjoni ghal diversi persuni mill-grad ta' Clerk II ghall-grad ta' Supervisor I; Cirkolari interna datata 22 ta' Settembru 1993 bir-referenza Personnel 56/93.

Qal li fost dawk li naghataw il-promozzjoni a skapitu tieghu, kien hemm numru sostanzjali ta' persuni illi

A] kellhom anqas kwalifiki minnu, fosthom Charles Grech Soler, Godfrey Farrugia u Manwel Dalli, li sahansitra kien dahal warajh;
B] kellhom anqas esperjenza fil-grad ta' Clerk II, fosthom: Maria C Bajada, Anthony Cassar, Manwel Dalli, Deguara Marika u David Delezio;
C] u kellhom anqas 'seniority' fis-servizz tal-Bank, fosthom : Anthony Formosa, Johanna Grech, Shirley Mifsud, Mario Sammur, Denise Spiteri, Maria Dolores Tabone u Valeire Valente.

Semma li dawk il-persuni kollha kienu gew promossi ghalkemm skond ittra datata 31 ta' Awissu 1993, il-Bank kien intrabat illi l-promozzjonijiet in kwistjoni kellhom ikunu bazati, fost ohrajn, fuq il-kwalifiki u s-seniority. Fuq il-kriterji l-ohra u cioe` dawk tal-mertu, esperjenza u 'aptitude', ir-rikorrent qal li fir-rapporti tieghu u specjalment l-ahhar wiehed qabel il-promozzjonijiet, kienu jghidu car u tond, illi hu kien jaghmel xoghlu bl-akbar reqqa u kien dejjem lest li jerfa' r-responsabilitajiet li kienu jinghatawlu.

Qal li meta applika ghall-promozzjoni permezz ta' ittra datata 18 ta' Awissu 1993, kien spjega d-dettalji tax-xoghol li kien jaghmel dak iz-zmien u r-responsabilitajiet

tieghu, u dawn kienu konfermati mill-Manager dirett tieghu u qal li allura kien fl-ahjar pozizzjoni possibbli sabiex jizen il-mertu, l-esperjenza u l-'aptitude' tieghu. Semma li minhabba dan l-agir tal-Bank fil-konfront tieghu, hassu diskriminat u kien imur kontra l-kriterji ghall-promozzjonijiet specifikati fil-Ftehim Kollettiv dak iz-zmien vigenti.

Qal ukoll li l-kaz tieghu kien gie mqajjem mill-Union mal-Management tal-Bank wara li kien spjega l-kaz tieghu permezz ta' ittra datata 7 ta' Settembru 1993. Zied ighid li l-Bank f'ittra datata 18 t'Ottubru 1993, ammetta bil-miktub illi l-Bord fehem id-dizappunt tieghu izda naqas u baqa' joggezzjona milli jaghti spjega u jindika l-marki li r-rikorrent kien inghata minkejja illi hu u l-Union tieghu kienu ressqu talba f'dak is-sens. Qal li l-Bank ma kellu u ma ghandu l-ebda gustifikazzjoni ghall-agir ingust tieghu u minhabba f'hekk ir-rikorrent sofra danni finanzjarji konsiderevoli minbarra li nzamm lura milli jkompli javvanza fil-karriera tieghu.

Qal li kien jaf li kien hemm min kien ilu aktar minnu fil-Bank u ma hax il-promozzjoni izda dwar jekk kienx hemm xi hadd li kellu aktar kwalifiki minnu u ma hax il-promozzjoni ma kienx jaf. Qal li hu fl-1993 kellu 3 A Levels Maths, Physics u Accounts, u diversi O Levels ohra u qal li l-A Levels li kellu kienu konnessi ma' xoghol bankarju. Qal li l-interview kienet qisa laqgha kordjali. Semma li l-kriterji li kienu jittiehdu in konsiderazzjoni wara l-interview kienu merit, experience, aptitude, qualifications, seniority u l-interview u qal li ma kienx jafx x'weighting kien inghata ghal kull wiehed minn dawk il-kriterji. Semma li hu kien gie nfurmat mill-Bank of Valletta li bit-total ta' marki li kien ottjena ma kienx gie ma' l-ewwel erbghin u hu hassu li kien gie diskriminat minhabba li kien hemm xi whud minn dawk li hadu promozzjoni li kellhom seniority u kwalifiki inqas minnu.

Xehed <u>Dennis Muscat</u> li semma li jaf lir-rikorrent peress li kien jahdem mieghu fil-fergha ta' B'Kara ghal madwar tlieta jew erba' snin u dak iz-zmien hu kien il-Manager tal-Branch. Qal li r-rikorrent kien wiehed mill-ahjar haddiema

li kellu u ma jafx li qatt kien hemm complaints fir-rigward tieghu. Meta gie muri d-dokument D esebit a fol 18 tal-process qal li r-rikorrent kien applika u kien gie ffirmat mill-assistent tieghu, bl-approvazzjoni tieghu. Mistoqsi qattx kien ghamel xi rapport fir-rigward tar-rikorrent, semma li hu kien jaghmel ir-rapporti fir-rigward tar-rikorrent peress li kien wiehed mill-ahjar skrivani li kellu u f'rapport minnhom ftakar ukoll li zied li r-rikorrent kien eligibbli li jiehu promozzjoni.

Meta gie muri l-annual appraisal report tar-rikorrent, Muscat ikkonferma li kien hu li ghamlu u rrimarka wkoll li kien hemm imnizzel diversi gradi fosthom exceptional, very good, full satisfactory ecc u dak juri li r-rikorrent kien wiehed mill-ahjar skrivani. Ma ftakarx li r-rikorrent kien kellmu wara li hargu r-rizultati tal-promozzjonijiet. Dwar l-iskali li jkun hemm imnizzlin fl-annual appraisal report qal li hija daqsxejn impossibli li qed tqis lil xi hadd bhala exceptional jew unacceptable. Qal li r-rizultat tar-range ma jaghtihx hu li jkun ghamel ir-report izda tohrog mill-marki li mbaghad jigu maghduda flimkien u ghalhekk impossibbli li l-marki jammontaw ghal zero jew marka vera baxxa.

Dwar il-kriterju ta' technical ability hu kien ta lir-rikorrent 3 marki biss, izda zied li huma kien ikollhom guide lines li riedu jimxu maghhom biex jessessjaw it-technical ability. Semma li meta r-rikorrent kien ghamel aptitude test tal-computers kien mar tajjeb hafna fih, pero` xorta difficli tassessja dawk il-kriterji. Sostna li huma jimxu mal-guide lines li kienu jaghtuhom. Semma li kien ikollu clerks tajbin u li hafna minn dawk kienu jilhqu maz-zmien.

Xehed <u>Charles Cassar</u> li semma li jaf lir-rikorrent peress li hu kien is-Segretarju tas-Supervisory Technical and Professional Staff Association fil-General Workers Union li din is-sezzjoni kienet fost l-ohrajn tiehu hsieb il-haddiema tal-banek. Qal li jaf lir-rikorrent mhux biss bhala impjegat izda anke bhala dak li kien jiehu hsieb proprju branch representative tal-GWU u li r-rikorrent ma kienx sempliciment membru fil-Union izda attiv wkoll. Qal li r-rikorrent kien kellmu wara li kienu hargu r-rizultati tal-

promozzjonijiet u kien qallu li hassu li kienet ingusta li ma nghatax promozzjoni. Semma li meta jkollhom complaints ta' dan it-tip huma janalizzaw il-kazijiet individwalment biex jaraw jekk dak l-individwu kienx haqqu jiehu l-promozzjoni jew le. Meta analizzaw il-kaz tar-rikorrent qal li huma dehrilhom li komparat ma' dawk ohrajn li kienu hadu l-promozzjoni, ir-rikorrent kellu jiehu l-promozzjoni.

Qal li l-Bank ma kellux ezitu pront dwar il-kaz tar-rikorrent u dan minhabba li biex il-pozizzjoni tieghu kellha tigi rrangata kellhom jghaddu xi sentejn. Qal li l-bank ma kienx qal ufficjalment li kellu ragun li r-rikorrent kellu jinghata l-promozzjoni dak iz-zmien meta applika l-ewwel darba izda xi sentejn wara, meta regghu hargu l-promozzjonijiet ir-rikorrent kien inghata l-promozzjoni. Semma li meta l-Union ghamlet l-analizi taghha u analizzat diversi kriterji sabet li kien hemm xi whud minn dawk li nghataw il-promozzjoni li kienu inqas kwalifikati mir-rikorrent. Kien hemm xi whud li kellhom inqas seniority minnu u fir-rigward ta' aptitude u technical abilities ohrajn kienu vverifikaw li r-rikorrent ma kienx inferjuri ghalihom. Semma li f'xi test ta' l-informatika li kien sar qabel il-promozzjonijiet ir-rikorrent kien gie minn ta' quddiem hafna.

Qal li l-kontenut ta' l-assessement proprja qatt ma kien gie diskuss bejn il-bank u l-union u l-union kienet ghamlet azzjoni industrijali minhabba hekk peress li insistiet li dan il-kontenut ta' l-assessement kellu jigi diskuss.

In kontro-ezami qal li fl-1985 ma kenitx tohrog forma ta' applikazzjoni formali meta kienu johorgu vakanzi ghall-promozzjonijiet izda kienu johorgu promozzjonijiet mill-ewwel u ma johorgux vakanzi u din tkompliet sa l-1988. Qal li kien hemm xi whud li kienu membri tal-GWU li hadu l-promozzjoni u kienu hemm xi whud li ma hadux kif ukoll kien hemm min kien membru tal-MUBE u hadu l-promozzjoni u kien hemm min ma hadhiex.

Xehed Alfred Pace rapprezentant tal-Bank of Valletta li pprezenta lista ta' 16-il impjegat tal-Bank of Valletta fejn tidher id-data ta' l-impieg taghhom u l-kwalifiki. Dwar l-

annual report qal li dawn l-Appraisals huma 'on a one to one basis' jigifieri l-manager fl-ahhar tas-sena jaghmel appraisal lill-impjegati tal-bank u dak jidhol fil-file tieghu personali. Ghalhekk qal li ma jistax jaqbad u johrog dawn l-appraisals mill-files ta' l-individwi, minghajr il-kunsens ta' l-individwi, haga li qatt ma jaf li ghamel.

In kontro-ezami esebixxa dokument kif gie awtorizzat mill-verbal tal-24 ta' Mejju u qal li meta kien hemm xi appraisal nieqes hu gab tas-sena ta' wara jew bhal fil-kaz ta' Emanuel Dalli gab l-appraisal tas-sena ta' qabel. Qal li jista' jigri li appraisal minnhom ta' xi sena jispicca jkollu sena nieqsa ghalkemm mhux haga regola jew svista imma tista' ssib kaz fejn il-manager b'xi mod jew iehor ma jkunx ghamlu ghalkemm mill-Head Office jaghmlu pressjoni kbira.

Qal li meta jkun hemm promotion exercise fejn tigi biex tinghata l-marka ghall-kwalifiki, ma jinghatawx marki ghall-ezamijiet li wiehed ikun gab biex dahal il-bank, bhal O u A Levels. Fil-promotion exercise ma tittehidtx into consideration kemm persuna ghandha O jew A Levels. Jinghataw il-marki ghal suggetti li jkunu relatati ma' xoghol bankarju, per ezempju ACIB, MIA, IDPM fuq Computer jew xi degrees li jkunu koncernati max-xoghol tal-Bank u din qeda stipulata fil-Collective Agreement. Semma li jista' jkun li persuna minghajr il-kwalifika li jkun qed ifittex il-Bank tiehu xorta promozzjoni peress li jkollu marki aktar fil-kriterji l-ohrajn bhal fil-merit, aptitude u experience.

Spjega li l-Bank iqassam kategoriji fir-rigward il-kriterji tas-seniority batch, batch rigward tal-kandidati u promozzjoni. Qal li dejjem hekk jaf li sar u l-interviewing panel jghid li jkun ra l-file personali tal-kandidat u l-appraisals kollha jkunu fil-personal file. Qal li jista' jaghti l-kaz li jikkoncerna r-report sottomess mill-branch manager f'xi kaz partikolari ta' xi sena in kwistjoni, izda min-naha tal-bank dejjem isostni li l-General Manager ikompli jinsisti fuq l-appraisal report. Qal li l-Bank specjalment fil-promotion exercise tas-supervisor, jaghmel cut off date biex jintaghzlu l-kandidati ghal promotion exercise minhabba li jkun hemm

hafna kandidati. Il-cut off date tkun ibbazata fuq is-seniority.

Xehed Joseph Gatt General Manager (Strategy) tal-bank li qal li f'Ottubru 1993 kellu l-grad ta' Deputy General Manager u kien in-charge mic-chairman's office u r-rwol tieghu fil-promozzjonijiet kien li jippartecipa f'xi whud minnhom bhala rapprezentant tac-chairman. Semma li fil-promotion exercise, minn clerk 2 ghal supervisor ghal habta ta' l-1993, kienu inghataw mitt punt biex jigu allokati. Qal li kienu jqassmu dawk il-mitt punt skond il-kriterji stabiliti fil-collective agreement u raw il-personal files ta' l-individwi ikkontrollati.

Qal li meta kienu jaraw il-personal files kien jittiehed puntegg lil kull kandidat anki ghal order of merit u l-element ta' suggettivita` hija inevitabbli fil-ghoti tal-punteggi. Dwar il-promotion exercise partikolari ghalkemm ma ftakarx ezatt qal li normalment il-bord tal-promozzjonijiet kien jiftiehem minn qabel fir-rigward ta' kwalifiki. Kienu jinghataw priorita` lill-kwalifiki li kienu relevanti ghal bank bhal ACIB u ta ezempju u qal li min ikollu full ACIB jinghata 20 marka u jekk ikollu part 1 jew xi partijiet ohra jinghata punteggi inqas. Semma li l-A levels ma kienux jittiehdu in konsiderazzjoni.

Qal li kienu jittiehdu in consideration dawk il-kwalifiki specifici li jidhru fil-collective agreement ghal finijiet ta' allowance jew ta' promotions. Semma li kull membru fil-bord tal-promozzjonijiet kien jahdem seperatament u hu kien jara l-personal files u l-personal reports u kien jaghti l-punteggi ghal diversi kriterji fuq dak. Kompla jghid li waqt l-interview, il-kanditat kien jigi mistoqsi dwar ix-xoghol li jkun qed jaghmel dak iz-zmien kif ukoll wiehed jipprova jiehu idea tal-kandidat waqt l-interview biex jikkorrobora dak flimkien ma' dak li jkun ra fil-file. Semma li dejjem ikun hemm kritika dwar l-interview kemm jekk isir kif ukoll meta ma jsirx interview.

Qal li r-recommendation ghall-promozzjoni li jkun hemm fl-appraisal report li jsir mill-managers tal-kandidati kienet ta' importanza limitata u dan minhabba li jkun hemm hafna

persuni li jkollhom din fl-appraisal reports taghhom. Semma li l-Branch Manager fejn kien jahdem ir-rikorrent certu Denis Muscat kien pjuttost bilancjat fis-suggerimenti tieghu fl-appraisal reports.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa li meta hu kien jokkupa l-pozizzjoni ta' Clerk 2 ma giex moghti l-promozzjoni ghal Supervisor 1 in segwitu tac-cirkolari tat-22 ta' Settembru 1993. L-eccezzjonijiet tal-intimat huma kollha relattivi ghall-meritu tal-kaz.

Ir-rikorrent sostna li hu kellu aktar kwalifiki u aktar seniority minn nies ohra li gew moghtija l-promozzjoni u li kienu juniors tal-istess rikorrent. Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ghalhekk jinkombi fuq it-Tribunal li apparti milli jara l-element tas-seniority jezamina wkoll elementi ohra bhal ma huma l-kwalifiki. Sfortunatament l-intimat ghazel li ma jipprezentax skeda dettaljata komparattiva tad-data tal-impjieg tal-applikanti u dawk li saru kif ukoll il-kwalifiki ta' kollha li kellhom (hlief ghal dak li hemm a fol 44 sa 52) u anqas kemm kienu ilhom fil-grad imsemmi. Fost in-nies li kellhom anqas seniority mir-rikorrent jirrizulta li kien hemm:

Anthony Formosa (2 A u 9 O)

Johanna Grech (4 A, 2 Intermediate u 8 O)
Shirley Mifsud (2 A u 9 O)
Mario Sammut (3 A, 12 O u 1 Elementary)
Denise Spiteri (3 A, 8 O, 1 Intermediate u 1 Higher)
Maria Dolores Tabone u
Valerie Valente (4 A, 11 O, 1 Intermediate u 1 Elementary)

Jirrizulta li r-rikorrent kellu tliet A Levels u ghaxar O Levels waqt li l-persuni indikati ghandhom il-kwalifiki li jirrizultaw indikati in parentesi hawn fuq. Naturalment wiehed irid jara fhiex huma l-kwalifiki ta’ dawn is-suggetti u specjalment il-konnessjoni taghhom mas-suggett tal-bank. Jirrizulta pero` li l-A Levels tar-rikorrent huma fil-Principles of Accounts, Pure and Applied Maths, u Physics li certament specjalment l-ewwel tnejn ghandhom konnessjoni vicina mas-suggetti bankarji. Ghalkemm kuntrarjament ghal dak indikat mir-rikorrent hemm minn nies indikat minnu bhala li anqas kwalifikati minnu waqt li dawn fil-fatt huma aktar kwalifikati minnu certament li hemm min hu anqas kwalifikat minnu. Issa dawn in-nies kellhom anqas seniority mir-rikorrent. Hemm ohrajn li kellhom anqas esperjenza fil-grad ta’ Clerk 2. Il-Bank intimat ghazel li ma jgibx prova dettaljata dwar il-kwalifiki u s-seniority rispettivi u l-personal reports. Il-personal annual performance appraisal tar-rikorrent datat 30 ta’ Settembru 1992 minn hames marki r-rikorrent gie moghti hames 4, erbgha 3+ u wiehed 3 li certament tirrifletti favorevolment fuq ir-rikorrent. Ix-xhieda li ngabu wkoll xehdu favur ir-rikorrent. Il-bank anqas biss ta l-bazi tal-allokazzjoni tal-marki u kemm gew attribwiti marki ghal kull aspett.

Meta t-Tribunal iqis il-fattispecji kollha tal-kaz ihoss li mar-rikorrent saret ingustizzja meta huwa ma nghatax il-kariga ta’ Supervisor 1 in segwitu tac-cirkolari 56/93 datata 22 ta’ Settembru 1993 u li ghalhekk filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Supervisor 1 b’effett mill-1 ta’ Ottubru, 1993 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni

dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------